SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

20 ta' Settembru 2017 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Enerġija elettrika ta' oriġini eolika – Direttiva 2009/28/KE – Promozzjoni tal-użu tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli – Punt (k) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 – Skema ta' sostenn – Punt (e) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) – Tariffi amministrattivi – Direttiva 2008/118/KE – Arranġament ġenerali għad-dazju tas-sisa – Artikolu 1(2) – Taxxi indiretti supplimentari li għandhom għanijiet speċifiċi – Direttiva 2003/96/KE – Tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u fuq l-elettriku – Artikolu 4 – Tassazzjoni minima tal-enerġija – Taxxa imposta fuq turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni ta' enerġija elettrika"

Fil-Kawżi magħquda C-215/16, C-216/16, C-220/16 u C-221/16,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (qorti superjuri tal-ġustizzja ta' Castilla-La Mancha, Spanja), permezz ta' deċiżjonijiet tat-12 ta' April 2016 (C-215/16 u C-216/16), tat-8 ta' April 2016 (C-220/16) u tal-11 ta' April 2016 (C-221/16), li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' April 2016 (C-215/16 u C-216/16) u fl-20 ta' April 2016 (C-220/16 u C-221/16), fil-proċeduri

Elecdey Carcelen SA (C-215/16),

Energías Eólicas de Cuenca SA (C-216/16),

Iberenova Promociones SAU (C-220/16),

Iberdrola Renovables Castilla La Mancha SA (C-221/16)

vs

Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, E. Regan (Relatur), J.-C. Bonichot, C. G. Fernlund u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: L. Carrasco Marco, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-29 ta' Marzu 2017,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Elecdey Carcelen SA, minn R. Fiestas Hummler, abogado,

– għal Energías Eólicas de Cuenca SA, minn J. Ruiz Calzado, L. M. Cazorla Prieto u J. Domínguez Pérez, abogados,

– għal Iberenova Promociones SAU u Iberdrola Renovables Castilla La Mancha SA, minn J. M. Rodríguez Cárcamo u C. Jiménez Jiménez, abogados,

– għal Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha, minn A. Quereda Tapia, bħala aġent,

– għall-Gvern Spanjol, minn V. Ester Casas, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn K. Talabér-Ritz u F. Tomat kif ukoll minn P. Arenas Naon, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2017,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 405), tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU 2009, L 9, p. 12), kif ukoll tal-punt (k) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 u tal-punt (e) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU 2009 L 140, p. 16).

2 Dawn id-domandi ġew ippreżentati fil-kuntest ta' kawżi bejn, minn naħa, Elecdey Carcelen SA, Energías Eólicas de Cuenca SA, Iberenova Promociones SAU u Iberdrola Renovables Castilla La Mancha SA, u min-naħa l-oħra, la Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha (Komunità Awtonoma ta' Castilla-La Mancha, Spanja), dwar il-ħlas ta' imposta fuq it-turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2003/96

3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/96 jipprovdi:

"Stati Membri għandhom jimponu tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku skond din id-Direttiva."

4 L-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva jistabbilixxi l-lista ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "prodotti ta' enerġija", fis-sens tal-imsemmija direttiva.

5 L-Artikolu 2(2) tal-istess direttiva jispeċifika li din tapplika wkoll għall-elettriku li jaqa' taħt il-Kodiċi NC 2716.

6 Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/96:

"1. Il-livelli ta' tassazzjoni li Stati Membri għandhom japplikaw fuq il-prodotti ta' enerġija u elettriku kif imniżżla fl-Artikolu 2 ma għandhomx ikunu inqas mill-livelli miimi ta' tassazzjoni kif preskritti minn din id-Direttiva.

2. Għall-iskop ta' din id-Direttiva 'livell ta' tassazzjoni' huwa il-piż totali intaxxat fir-rigward tat-taxxi indiretti kollha (ħlief il-VAT) ikkalkulat direttament jew indirettament fuq il-kwantità ta' prodotti ta' enerġija u elettriku meta dawn ikunu rilaxxati għall-konsum."

Id-Direttiva 2008/118

7 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/118 jipprovdi:

" 1. Din id-Direttiva tistabbilixxi arranġamenti ġenerali fir-rigward tad-dazju tas-sisa li jaffettwa direttament jew indirettament il-konsum tal-prodotti li ġejjin (minn hawn 'il quddiem "prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa"):

a) prodotti tal-enerġija u l-elettriku koperti mid-Direttiva [2003/96];

[…]

2. L-Istati Membri jistgħu jimponu taxxi indiretti oħrajn fuq prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa għal finijiet speċifiċi, bil-kondizzjoni li dawk it-taxxi jikkonformaw mar-regoli tat-taxxa Komunitarja applikabbli għad-dazju tas-sisa jew għat-taxxa fuq il-valur miżjud f'dak li jikkonċerna d-determinazzjoni tal-bażi tat-taxxa, il-kalkolu tat-taxxa, l-impożizzjoni tal-ħlas u l-monitoraġġ tat-taxxa, iżda ma jinkludux id-dispożizzjonijiet dwar l-eżenzjonijiet.

[…]"

Id-Direttiva 2009/28

8 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/28, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni għall-promozzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Hija tistabbilixxi miri nazzjonali mandatorji għas-sehem globali ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija u għas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport. […]"

9 Intitolat "Definizzjonijiet", l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jipprovdi, fil-punt (k) tat-tieni subparagrafu tiegħu:

"[…]

k) 'skema ta' sostenn' tfisser kull strument, skema jew mekkaniżmu applikat minn Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri, li jippromwovu l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli billi titnaqqas l-ispiża ta' dik l-enerġija, b'żieda tal-prezz li bih tista' tinbiegħ, jew b'żieda, permezz ta' obbligu ta' enerġija rinnovabbli jew b'mod ieħor, tal-volum ta' din l-enerġija mixtrija. Dan jinkludi, iżda

mhuwiex limitat biss għal, l-għajnuna għall-investiment, l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis mit-taxxi, ir-rifużżjonijiet tat-taxxa, l-iskemi ta' sostenn għall-obbligu ta' enerġija rinnovabbli, u l-iskemi ta' sostenn, inklużi dawk li jużaw ċertifikati ekoloġiċi, iżda wkoll l-iskemi diretti ta' sostenn għall-prezzijiet, inklużi tariffi "feed-in" u ħlasijiet ta' primjums".

10 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva intitolat "Miri u miżuri globali nazzjonali mandatorji għall-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli", jipprovdi:

"1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, ikkalkulat skont l-Artikoli 5 sa 11, fil-konsum finali gross ta' enerġija fl-2020 jkun mill-inqas il-mira globali nazzjonali tiegħu għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'dik is-sena, kif stabbilit fit-tielet kolonna tat-tabella fil-Parti A tal-Anness I. Dawn il-miri globali nazzjonali mandatorji huma konsistenti ma' mira ta' sehem ta' mill-inqas 20 % mill-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum gross finali tal-enerġija tal-Komunità fl-2020. Sabiex il-miri stabbiliti f'dan l-Artikolu jkunu jistgħu jintlaħqu b'mod aktar faċli, kull Stat Membru għandu jippromwovi u jinkuraġġixxi l-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija.

[…]

2. L-Istati Membri għandhom jintroduċu miżuri mfassla b'mod effikaċi biex jiżguraw li s-sehem ta' enerġija mis-sorsi rinnovabbli tkun ugwali għal jew taqbeż dawk murija fit-trajettorja indikattiva stabbilita fil-Parti B tal-Anness I.

3. Sabiex jintlaħqu l-miri mniżżla fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu, inter alia, japplikaw il-miżuri li ġejjin:

a) skemi ta' sostenn;

[…]"

11 Intitolat "Proċeduri amministrattivi, regolamenti u kodiċijiet", l-Artikolu 13 tal-istess direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull regola nazzjonali li tikkonċerna l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u liċenzjar li huma applikati għal impjanti u trasmissjoni assoċjata u infrastrutturi tan-netwerk tad-distribuzzjoni għall-produzzjoni tal-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u għall-proċess ta' trasformazzjoni tal-bijomassa f'bijokarburanti jew prodotti tal-enerġija oħra, jkunu proporzjonati u meħtieġa.

L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jieħdu l-passi adatti biex jiżguraw li:

[…]

e) it-tariffi amministrattivi mħallsa minn konsumaturi, pjanifikaturi, periti, bennejja u installaturi u fornituri ta' tagħmir u sistemi huma trasparenti u relatati mal-ispiża; […]

[…]"

12 L-Anness I tad-Direttiva 2009/28, intitolat "Miri globali nazzjonali għas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali ta' enerġija fl-2020", jesponi, fil-parti A tiegħu, l-għanijiet globali ta' kull Stat Membru, fosthom ir-Renju ta' Spanja, li għall-imsemmija sena, huwa stabbilit għal 20 %. Il-parti B ta' dan l-anness jirrigwarda t-trajettorja indikattiva li hemm riferiment għaliha fl-Artikolu 3(2) tal-imsemmija direttiva.

Id-dritt Spanjol

13 L-Artikolu 4 tal-ley 9/2011, por la que se crean el canon eólico y el fondo para el desarrollo tecnológico de las energías renovables y el uso racional de la energía en Castilla-La Mancha (Liġi 9/2011, li tistabbilixxi imposta eolika u l-fond ta' żvilupp teknoloġiku tal-enerġija rinnovabbli u ta' enerġija u tal-użu razzjonali tal-enerġija f'Castilla-La Mancha), tal-21 ta' Marzu 2011 (BOE Nru 105, tat-3 ta' Mejju 2011), jipprovdi:

"1. Il-fatt taxxabbli għall-finijiet tal-imposta eolika huwa d-dannu u l-effetti ħżiena għall-ambjent u għat-territorju kkawżati mill-installazzjoni, f'parks eoliċi użati għall-produzzjoni tal-enerġija fit-territorju tal-Komunità Awtonoma ta' Castilla-La Mancha, ta' turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika.

[…]

3. Il-fatt taxxabbli jitqies li seħħ ukoll anki jekk it-turbini eoliċi ma jkunux proprjetà tad-detentur tal-awtorizzazzjoni uffiċjali għall-installazzjoni ta' park eoliku."

14 L-Artikolu 6 tal-Liġi 9/2011, intitolat "Persuni taxxabbli", jipprovdi:

"1. Il-persuni taxxabbli li huma suġġetti għall-imposta huma l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi […] li, fi kwalunkwe kapaċità, joperaw park eoliku jew installazzjonijiet ta' produzzjoni eolika, anki jekk ma għandhomx awtorizzazzjoni amministrattiva ta' installazzjoni.

Huwa preżunt, sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja, li l-operat ta' park eoliku jsir mill-persuna jew mill-entità li għandha awtorizzazzjoni amministrattiva għall-installazzjoni korrispondenti.

[…]"

15 L-Artikolu 7 tal-Liġi 9/2011, intitolat "Ammont taxxabbli", jipprovdi:

"1. L-ammont taxxabbli huwa kkostitwit bin-numru totali ta' turbini eoliċi individwali li jinsabu f'park eoliku li jinsab fit-territorju tal-Komunità Awtonoma ta' Castilla-La Mancha.

[…]"

16 L-Artikolu 8 tal-Liġi 9/2011, intitolat "Rata tat-taxxa u ammont tal-imposta", jipprovdi:

"1. L-ammont tat-taxxa għandu jiġi ddeterminat b'applikazzjoni, fir-rigward tal-ammont taxxabbli, tar-rati tat-taxxa trimestri segwenti:

– f'parks eoliċi b'mhux iktar minn 2 turbini eoliċi: EUR 0 għal kull turbina eolika.

– f'parks eoliċi bi 3 sa 7 turbini eoliċi: EUR 489 għal kull turbina eolika;

– f'parks eoliċi bi 8 sa 15-il turbina eolika: EUR 871 għal kull turbina eolika.

– f'parks eoliċi b'iktar minn 15-il turbina eolika:
  a) meta n-numru ta' turbini eoliċi jkun ekwivalenti għal jew inqas mill-kapaċità installata tal-park eoliku mkejla f'megawatt: EUR 1 233 għal kull turbina eolika.
  b) meta n-numru ta' turbini eoliċi jkun ikbar mill-kapaċità installata tal-park eoliku mkejla f'megawatt: EUR 1 275 għal kull turbina eolika.

[…]"

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

17 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali joperaw, fit-territorju tal-Komunità Awtonoma ta' Castilla-La Mancha, turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni ta' enerġija elettrika.

18 Wara li ħallsu l-imposta stabbilita mil-Liġi 9/2011, fir-rigward tas-snin fiskali marbuta mal-2011 u l-2012, huma kienu madankollu tal-fehma li din kienet inkostituzzjonali u inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, u dawn ir-rikorrenti talbu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti r-rettifika tal-awtolikwidazzjonijiet tagħhom ippreżentati f'dan ir-rigward kif ukoll rimbors tal-ammonti mħallsa.

19 Peress li t-talbiet tagħhom ġew miċħuda, l-imsemmija rikorrenti ppreżentaw rikors quddiem it-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (qorti superjuri tal-ġustizzja ta' Castilla-La Mancha, Spanja).

20 Qabelxejn, din il-qorti tistaqsi jekk imposta, bħal dik prevista mil-Liġi 9/2011, hijiex konformi mal-għan segwit mid-Direttiva 2009/28, peress li din hija intiża li tippromwovi u tiżviluppa l-konsum ta' enerġija sostenibbli, billi tippermetti lill-Istati Membri, b'mod partikolari, jirrikorru għal "skemi ta' sostenn" iddefiniti fil-punt (k) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva. B'mod partikolari, tali imposta, li tiżdied ma' taxxi oħra ġenerali u speċifiċi imposti fuq l-attività ta' produzzjoni tal-enerġija, tista' tippreġudika l-għanijiet vinkolanti nazzjonali globali, imsemmija fl-Artikolu 3(1) sa (3) tal-imsemmija direttiva, moqri flimkien mal-Anness I tagħha, fir-rigward tas-sehem tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli għas-sena 2020, li, fir-rigward tar-Renju ta' Spanja, ġiet stabbilita għal 20 %. L-imsemmija qorti tistaqsi wkoll rigward il-punt dwar sa fejn tali imposta tikkostitwixxi taxxa kompatibbli mal-punt (e) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tal-istess direttiva, peress li din id-dispożizzjoni tillimita strettament il-possibbiltà għall-Istati Membri li jimponu "tariffi amministrattivi".

21 Sussegwentement, il-qorti tar-rinviju tesponi dubji dwar jekk l-imsemmija imposta hijiex konformi mal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/118, kif interpretata fid-dawl tas-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Transportes Jordi Besora (C-82/12, EU:C:2014:108), peress li din it-taxxa ma kellhiex għan speċifiku, iżda kienet intiża li tiġġenera dħul baġitarju supplementari għall-awtoritajiet pubbliċi.

22 Fl-aħħar nett, din il-qorti tistaqsi jekk l-imposta inkwistjoni hijiex kompatibbli mal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2003/96, sa fejn, billi żdiedet l-imposta fiskali li tirriżulta mit-taxxa indiretta dovuta fi Spanja, hija tista' twassal, f'dan l-Istat Membru, għal livell ta' taxxa li jeċċedi l-livell minimu previst minn din id-dispożizzjoni u, għalhekk, għal distorsjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-Istati Membri.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (qorti superjuri tal-ġustizzja ta' Castilla-La Mancha) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Peress li l-"iskemi ta' sostenn" kif iddefiniti fl-Artikolu 2(k) tad-Direttiva [2009/28], u fosthom l-inċentivi fiskali bħalma huma t-tnaqqis tat-taxxa, l-eżenzjonijiet u r-rimborsi tat-taxxa, huma mfassla bħala strumenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' konsum tal-enerġija rinnovabbli previsti f'din id-direttiva, għandu jitqies li l-inċentivi jew il-miżuri msemmija għandhom natura vinkolanti u jorbtu lill-Istati Membri, b'effett dirett sa fejn dawn jistgħu jiġu invokati mill-individwi affettwati quddiem kwalunkwe tip ta' istanzi pubbliċi, ġudizzjarji u amministrattivi?

2) Il-frażi "iżda mhuwiex limitat biss" li tinsab fl-elenku, fost l-"iskemi ta' sostenn" imsemmija fid-domanda preċedenti, ta' inċentivi fiskali li jikkonsistu fi tnaqqis tat-taxxa, f'eżenzjonijiet u f'rimborsi ta' taxxa, tfisser li għandu jitqies li n-nuqqas ta' tassazzjoni għandu jingħadd fost dawn l-inċentivi, jiġifieri l-projbizzjoni ta' kull tip ta' impożizzjoni speċifika u partikolari, li tiżdied mat-taxxi ġenerali imposti fuq l-attività ekonomika u l-produzzjoni tal-elettriku, miżmuma fuq l-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli? Bl-istess mod, għandu jitqies li l-projbizzjoni ġenerali

ċċitata iktar ’il fuq tinkludi l-projbizzjoni ta’ taxxa doppja, ta’ kumulu jew ta’ sovrappożizzjoni ta’ diversi taxxi ġenerali jew speċifiċi imposti fuq fażijiet differenti tal-attività ta’ produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għandhom impatt fuq l-istess fatt taxxabbli intaxxat bit-tariffa eolika inkwistjoni?

3) Jekk ir-risposta għad-domanda preċedenti tkun negattiva u jekk it-tassazzjoni tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli hija aċċettata, għall-finijiet tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118 […], il-kunċett ta’ “finijiet speċifiċi” għandu jiġi interpretat fis-sens li l-għan imfittex għandu jkun esklużiv u li, barra minn hekk, it-taxxa imposta fuq l-enerġija rinnovabbli għandha jkollha, mill-perspettiva tal-istruttura tagħha, natura verament mhux fiskali u mhux sempliċiment baġitarja jew ta’ ġbir ta’ dħul?

4) Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96[/KE, tas-27 ta’ Ottubru 2003 […] li, meta jsemmi l-livelli ta’ tassazzjoni li l-Istati Membri għandhom japplikaw għall-prodotti tal-enerġija u għall-elettriku, jieħu bħala riferiment il-livelli minimi previsti [minn din id-]Direttiva, mifhuma bħala l-ammont totali tat-taxxi diretti u indiretti kollha imposti fuq dawn il-prodotti meta jitqiegħdu għall-konsum, għandu jitqies li dan l-ammont għandu jwassal għall-esklużjoni, mil-livell ta’ tassazzjoni rikjest [mill-imsemmija] Direttiva, tat-taxxi nazzjonali li ma għandhomx natura verament mhux fiskali fid-dawl tal-istruttura u tal-iskop speċifiku tagħhom, kif interpretat mir-risposta mogħtija għad-domanda preċedenti?

5) It-terminu “tariffi” użat fl-Artikolu 13(1)(e) tad-Direttiva 2009/28 huwa kunċett awtonomu tad-dritt Ewropew li għandu jiġi interpretat f’sens usa’, bħala li jinkludi u huwa sinonimu tal-kunċett ta’ taxxa ġenerali?

6) Jekk ir-risposta għad-domanda preċedenti tkun affermattiva, it-tariffi li għandhom jitħallsu mill-konsumaturi msemmija fl-Artikolu 13(1)(e) tad-Direttiva 2009/28 jistgħu jinkludu biss it-taxxi jew impożizzjonijiet fiskali maħsuba sabiex jikkumpensaw, jekk ikun il-każ, id-danni kkawżati mill-effett [tal-installazzjonijiet eoliċi] fuq l-ambjent u li jippruvaw jagħmlu tajjeb, bl-ammont irċevut, għad-danni marbuta ma’ tali preġudizzju jew effett negattiv, bl-esklużjoni tat-taxxi jew tal-benefiċċji li, sa fejn ikunu imposti fuq enerġija li ma tniġġisx, għandhom skop essenzjalment baġitarju jew ta’ ġenerazzjoni ta’ dħul?

24 B’deċiżjoni tas-6 ta’ Ġunju 2016, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li jgħaqqad il-Kawżi C-215/16, C-216/16, C-220/16 u C-221/16 għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali kif ukoll tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2009/28

25 Permezz tal-ewwel, tat-tieni, tal-ħames u tas-sitt domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk id-Direttiva 2009/28, b’mod partikolari, il-punt (k) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 u l-punt (e) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tagħha, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi l-impożizzjoni ta’ taxxa fuq it-turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika.

26 F’dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-Direttiva 2009/28, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tagħha, għandha l-għan li tiddefinixxi qafas komuni għall-promozzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, billi tistabbilixxi, b’mod partikolari, għanijiet nazzjonali vinkolanti dwar is-sehem tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija.

27 Għalhekk, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/28, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiżguraw li s-sehem tal-enerġija prodott minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija tagħhom fl-2020 jikkorrispondi minn tal-inqas għall-għan nazzjonali globali, kif stabbilit fil-parti A tal-Anness I ta' din id-direttiva, li għandu jkun koerenti mal-għan li minn tal-inqas 20 % mill-enerġija prodotta tkun minn sorsi rinnovabbli.

28 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3(2) tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri huma marbuta jimplementaw miżuri mfassla b'mod effikaċi sabiex jiggarantixxu li s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli tkun minn tal-inqas ugwali għal dik prevista fit-"trajettorja indikattiva" stabbilita fil-Parti B tal-istess direttiva.

29 Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, l-Istati Membri jistgħu, skont l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2009/28, japplikaw "skemi ta' sostenn" fis-sens tal-punt (k) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tagħha, u għalhekk, jallokaw, b'mod partikolari, għajnuna għall-investiment, eżenzjonijiet jew tnaqqis fiskali u rimbors tat-taxxa jew anki jimponu obbligu li tintuża l-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli.

30 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li ebda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma tipprojbixxi lill-Istati Membri jimponu taxxa, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li hija imposta fuq turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika.

31 Kif jirriżulta mill-kliem stess tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2009/28, u b'mod partikolari mit-terminu "jistgħu", l-Istati Membri b'ebda mod ma huma obbligati, sabiex jippromwovu l-użu tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli, li jadottaw skemi ta' sostenn u lanqas, *a fortiori*, jekk jiddeċiedu li jadottaw tali skemi, li jikkonċepixxu tali skemi f'għamla ta' eżenzjonijiet jew ta' tnaqqis fiskali.

32 Għalhekk, l-Istati Membri għandhom marġni diskrezzjonali fir-rigward ta' miżuri li huma jqisu adatti sabiex jintlaħqu l-għanijiet vinkolanti nazzjonali globali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva 2009/28, moqri flimkien mal-Anness I ta' din id-direttiva.

33 Għaldaqstant, il-possibbiltà għall-Istati Membri, prevista fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2009/28, li jadottaw skemi ta' sostenn intiżi li jippromwovu l-użu ta' enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli, skont il-każ, fl-għamla ta' eżenzjonijiet jew tnaqqis fiskali, b'ebda mod ma timplika li dawn huma preklużi milli jintaxxaw l-impriżi li jiżviluppaw tali sorsi ta' enerġija, b'mod partikolari turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni ta' enerġija elettrika.

34 Il-punt (e) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2009/28, li jissemma wkoll mill-qorti tar-rinviju, lanqas ma jostakola l-impożizzjoni ta' taxxa bħal dik fil-kawża prinċipali.

35 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li din id-dispożizzjoni sempliċement tipprevedi li, sabiex tiġi żgurata n-natura proporzjonata u neċessarja tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ta' awtentifikazzjoni u ta' għoti ta' liċenzji li japplikaw, b'mod partikolari, għall-installazzjonijiet ta' produzzjoni minn sorsi rinnovabbli, it-"tariffi amministrattivi" imħallsa mill-"konsumaturi, pjanifikaturi, periti, bennejja u installaturi u fornituri ta' tagħmir u sistemi [għandhom ikunu] trasparenti u relatati mal-ispiża".

36 Mill-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta b'mod ċar li din hija intiża li tiġi osservata r-riperkussjoni, fuq l-utenti kkonċernati, tal-ispejjeż ta' ċerti proċeduri amministrattivi u għalhekk ma għandhiex l-għan li tipprekludi l-Istati Membri milli jistabbilixxu taxxi bħalma hija l-imposta fil-kawża prinċipali.

37 Minn dan jirriżulta li la l-Artikolu 3(1) sa (3) tad-Direttiva 2009/28, moqri flimkien mal-punt (k) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 u l-Anness I ta' din id-direttiva, u lanqas il-punt (e) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tagħha ma jipprekludu lill-Istati Membri milli jimponu taxxa, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li hija imposta fuq turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika.

38 Huwa minnu li ż-żieda tal-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli għall-produzzjoni tal-elettriku tikkostitwixxi element importanti mis-sett ta' miżuri meħtieġa sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra, li huma fost il-kawżi prinċipali ta' bidliet klimatiċi li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha inkarigaw ruħhom li jiġġieldu, u sabiex ikun hemm konformità, b'mod partikolari, mal-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. Tali żieda hija wkoll intiża għall-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni u tal-annimali kif ukoll għall-preżervazzjoni tal-pjanti, raġunijiet ta' interess ġenerali elenkati fl-Artikolu 36 TFUE. Barra minn hekk, mill-Artikolu 194(1)(c) TFUE jirriżulta li l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli huwa wieħed mill-għanijiet li għandhom jiggwidaw il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija (sentenza tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft, C-573/12, EU:C:2014:2037, punti 78 sa 81).

39 Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li imposta, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tista' trendi inqas attraenti l-produzzjoni u l-użu tal-enerġija eolika kif ukoll tikkompromett i l-iżvilupp tagħha.

40 Madankollu, anki jekk jiġi ammess li din l-imposta, minkejja l-portata reġjonali tagħha u l-fatt li tikkonċerna sors wieħed ta' enerġija rinnovabbli, tista' twassal lill-Istat Membru kkonċernat sabiex ma josservax l-għan vinkolanti nazzjonali globali stabbilit fl-Anness I, Parti A tad-Direttiva 2009/28, minn dan jirriżulta, l-iktar l-iktar, fi ksur, minn dan l-Istat Membru, tal-obbligu tiegħu taħt din id-direttiva, mingħajr ma l-impożizzjoni ta' tali taxxa tkun tista', madankollu, titqies, fiha nfisha, li tmur kontra l-imsemmija direttiva, peress li l-Istati Membri għandhom, kif ġie rrilevat fil-punt 32 ta' din is-sentenza, marġni ta' diskrezzjoni sabiex jilħqu l-imsemmi għan, bil-kundizzjoni li josservaw il-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE.

41 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel, għat-tieni, għall-ħames u għas-sitt domanda, għandha tkun li d-Direttiva 2009/28, b'mod partikolari, il-punt (k) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 u l-punt (e) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1), għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi l-impożizzjoni ta' taxxa fuq turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika.

Fuq l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/96

42 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/96 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi l-impożizzjoni ta' taxxa fuq turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika.

43 Din il-kwistjoni hija għalhekk ibbażata fuq il-premessa li d-Direttiva 2003/96, li l-Artikolu 4(1) tagħha jipprovdi li l-Istati Membri ma jistgħux japplikaw fir-rigward ta' prodotti ta' enerġija u tal-elettriku msemmija fl-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, livelli ta' tassazzjoni inferjuri mil-livelli minimi previsti mill-imsemmija direttiva, hija applikabbli *ratione materiae* għall-kawżi prinċipali.

44 Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/96, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa limitat għat-tassazzjoni ta' "prodotti ta' enerġija" u ta' "l-elettriku", kif iddefiniti, rispettivament, fl-Artikolu 2(1) u (2) ta' din id-direttiva (ara s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015, OKG, C-606/13, EU:C:2015:636, punt 24).

45 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi vverifikat, minn qabel, jekk taxxa bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hijiex imposta fuq "prodotti ta' enerġija" u fuq l-"elettriku" fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, u għalhekk, taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/96.

46 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/96 jiddefinixxi l-kunċett ta' "prodotti ta' enerġija", użat għall-finijiet tal-imsemmija direttiva, billi jelenka b'mod eżawrjenti l-lista ta' prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' dan il-kunċett b'riferiment għall-kodiċijiet ta' nomenklatura magħquda (sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2015, Kernkraftwerke Lippe-Ems, C-5/14, EU:C:2015:354, punt 47, u tal-1 ta' Ottubru 2015, OKG, C-606/13, EU:C:2015:636, punt 26).

47 Huwa paċifiku li, għall-produzzjoni tal-enerġija li jiġġeneraw, it-turbini eoliċi inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jużaw ebda prodotti ta' enerġija msemmija f'din il-lista.

48 Min-naħa l-oħra, ma huwiex ikkontestat li dawn it-turbini eoliċi jipproduċu "elettriku" fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/96.

49 Minkejja dan, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li t-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li hija imposta fuq turbini eoliċi, ma hijiex ikkalkolata, kif tirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 59 u 60 tal-konklużjonijiet tagħha, skont l-elettriku prodott minnhom jew il-kapaċità teoretika tagħhom, iżda tikkonsisti f'rata fissa trimestra li tvarja skont id-daqs tal-park eoliku li tagħmel parti minnu t-turbina eolika, u wkoll skont il-poter tat-turbina eolika, peress li, barra minn hekk, l-ammont tal-imposta huwa ogħla jekk it-turbina eolika tkun ta' kapaċità baxxa. Barra minn hekk, din it-taxxa hija dovuta esklużivament fuq il-proprjetà tat-turbina eolika jew il-possessjoni ta' awtorizzazzjoni amministrattiva, anki fl-assenza tal-operat tagħha u indipendentement mill-bejgħ tal-elettriku ta' oriġini eolika.

50 Barra minn hekk, peress li t-taxxa inkwistjoni fil-kawża priniċipali ma hijiex imposta fuq konsumaturi tal-elettriku, din bl-ebda mod ma hija marbuta mal-konsum tal-elettriku. Iktar minn hekk, minkejja li ċertament ma jistax jiġi eskluż li l-ammont ta' din it-taxxa jiġi inkluż fil-prezz tal-elettriku mibjugħ lill-konsumaturi, ma jidhirx li huwa possibbli, fid-dawl tal-partikolarità ta' dan il-prodott, li tiġi ddeterminata l-oriġini tiegħu u, għalhekk, li tiġi identifikata l-parti minnu li ġiet prodotta mit-turbini eoliċi suġġetti għall-imsemmija taxxa, b'mod li huwa eskluż li dan jiġi ffatturat lil dan il-konsumatur bħala spiża trasparenti.

51 Konsegwentement, ma hemm ebda rabta bejn, minn naħa, il-fatt taxxabbli tat-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali u, min-naħa l-oħra, il-produzzjoni effettiva tal-elettriku mit-turbini eoliċi u wisq inqas il-konsum tal-elettriku ġġenerat minnhom (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-10 ta' Ġunju 1999, Braathens, C-346/97, EU:C:1999:291, punti 22 u 23; tal-4 ta' Ġunju 2015, Kernkraftwerke Lippe-Ems, C-5/14, EU:C:2015:354, punti 61 sa 65, kif ukoll tal-1 ta' Ottubru 2015, OKG, C-606/13, EU:C:2015:636, punti 31 sa 35).

52 Minn dan jirriżulta li taxxa, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma hijiex imposta fuq l-elettriku, fis-sens tad-Direttiva 2003/96.

53 Għaldaqstant, taxxa, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, imposta fuq turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni ta' enerġija elettrika, ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, kif iddefinit fl-Artikolu 1 u fl-Artikolu 2(1) u (2) tagħha.

54 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/96 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi l-impożizzjoni ta' taxxa fuq turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika, sakemm din it-taxxa ma hijiex imposta fuq prodotti ta' enerġija jew fuq l-elettriku, fis-sens tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva u, għalhekk, ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

Fuq l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2008/118

55 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/118 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi l-impożizzjoni ta' taxxa fuq turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika.

56 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 1(1) tagħha, id-Direttiva 2008/118 tistabbilixxi sistema ġenerali ta' dazju tas-sisa impost direttament jew indirettament fuq il-konsum ta' prodotti elenkati f'din id-dispożizzjoni, fosthom, b'mod partikolari, l-Artikolu 1(1)(a), "prodotti tal-enerġija u l-elettriku koperti mid-Direttiva 2003/96/KE".

57 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 1(2) ta' din id-diretiva, il-prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa jistgħu wkoll ikunu suġġetti għal taxxa indiretta differenti mid-dazju tas-sisa, iżda biss jekk, minn naħa, din l-impożizzjoni ssir għal għan jew għanijiet speċifiċi u jekk, min-naħa l-oħra, tosserva r-regoli ta' tassazzjoni tal-Unjoni applikabbli għas-sisa jew għall-VAT għad-determinazzjoni tal-ammont taxxabbli, tal-kalkolu, tal-eżiġibbiltà u tal-kontroll tat-taxxa, filwaqt li dawn ir-regoli ma jinkludux id-dispożizzjonijiet dwar l-eżenzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Statoil Fuel & Retail, C-553/13, EU:C:2015:149, punt 35).

58 Kif diġà sostniet il-Qorti tal-Ġustizzja, din id-dispożizzjoni, li hija intiża sabiex tieħu inkunsiderazzjoni d-diversità tat-tradizzjonijiet fiskali tal-Istati Membri f'dan ir-rigward u r-rikors frekwenti għat-tassazzjoni indiretta għall-implementazzjoni ta' politiki mhux baġitarji, tippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu, minbarra d-dazju tas-sisa minimu, taxxi oħra indiretti li jsegwu għan finali speċifiku (sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, Kernkraftwerke Lippe-Ems, C-5/14, EU:C:2015:354, punt 58).

59 Fil-każ ineżami, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li l-imposta kkonċernata hija taxxa indiretta li ma għandhiex għan speċifiku, peress li din l-imposta, iktar milli intiża għall-protezzjoni tal-ambjent, tippreġudika, kuntrarjament, lil dan tal-aħħar, għaliex tiddiswadi l-investimenti f'installazzjonijiet tal-produzzjoni tal-enerġija elettrika ta' oriġini eolika u għalhekk, tikkostitwixxi ostakolu għall-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Fi kwalunkwe każ, id-dħul minn din it-taxxa ma huwiex neċessarjament użat sabiex jikkumpensa l-ispejjeż iġġenerati mill-allegati inċidenti negattivi fuq l-ambjent tal-attività ta' parks eoliċi. L-imsemmija taxxa għandha għalhekk l-għan waħdieni li tagħti lill-awtoritajiet kompetenti dħul baġitarju supplimentari.

60 Min-naħa l-oħra, il-Gvern Spanjol u l-Komunità Awtonoma ta' Castilla-La Mancha jqisu li din l-imposta, li ma hijiex taxxa diretta, peress li hija imposta direttament fuq il-kapaċità ekonomika tal-produtturi ta' enerġija elettrika ta' oriġini eolika, għandha għan ambjentali speċifiku, peress li hija intiża li tinternalizza l-ispejjeż li jirriżultaw mill-ksur tal-ambjent iġġenerati mill-iżvilupp ta' parks eoliċi, sabiex tiġi promossa l-innovazzjoni teknoloġika billi jitnaqqsu n-numru ta' dawn il-parks jew id-daqs tagħhom.

61 Madankollu, għandu jitfakkar li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/118, kif jirriżulta mill-punt 57 ta' din is-sentenza, jirreferi għal taxxi indiretti biss, għajr id-dazju tas-sisa, li huma imposti direttament jew indirettament fuq il-konsum ta' "prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa", kif elenkati fl-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, Kernkraftwerke Lippe-Ems, C-5/14, EU:C:2015:354, punt 59).

62 Madankollu, għalkemm din l-aħħar dispożizzjoni tirreferi għal "prodotti tal-enerġija u l-elettriku koperti mid-Direttiva 2003/96/KE", mill-punti 46 sa 52 tas-sentenza preżenti jirriżulta li taxxa, bħal dik inkwistjoni, li hija imposta fuq turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika, ma hijiex imposta fuq prodotti tal-enerġija jew fuq l-elettriku, fis-sens ta' din id-direttiva.

63 Għaldaqstant, tali taxxa, peress li ma hijiex imposta fuq il-konsum ta' prodotti tal-enerġija jew fuq l-elettriku, ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/118.

64 Isegwi li l-kwistjoni dwar jekk din it-taxxa għandhiex bħala għan il-protezzjoni tal-ambjent hija kwistjoni esklużiva tad-dritt nazzjonali.

65 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/118 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi taxxa imposta fuq turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika, peress li din it-taxxa ma tikkostitwixxix taxxa imposta fuq il-konsum ta' prodotti tal-enerġija jew fuq l-elettriku u, għaldaqstant, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

Fuq l-ispejjeż

66 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE, b'mod partikolari l-punt (k) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 u l-punt (e) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1), għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi l-impożizzjoni ta' taxxa fuq turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika.**

2) **L-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, għandu jiġi intepretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi l-impożizzjoni ta' taxxa fuq turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika, sakemm din it-taxxa ma hijiex imposta fuq prodotti ta' enerġija jew fuq l-elettriku, fis-sens tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva u, għalhekk, ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħha.**

3) **L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi taxxa imposta fuq turbini eoliċi intiżi għall-produzzjoni tal-enerġija elettrika, peress li din it-taxxa ma tikkostitwixxix taxxa imposta fuq il-konsum ta' prodotti tal-enerġija jew fuq l-elettriku u, għaldaqstant, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.**

Firem